# Kwadru ta' Sant' Elena fil-Floriana

*minn Mario Fenech*

Il-knisja tal-patrijiet kapuċċini tal-Floriana hija ddedikata lis-Salib Mqaddes. Sa mill-ewwel snin mit-twaqqif tagħha u tal-kunvent tal-patrijiet lejn is-sena 1700, il-funzjonijiet li kienu jsiru fiha dejjem kienu jsiru b'mod Solenni u Dinjituż, tant li l-attendenza tal-Gran Mastri ta' l-Ordni ta' San Ġwann u Dinjitarji oħrajn kienet tkun waħda regolari.



Diversi Opri Sagri li kienet ġiet imżejna bihom din il-knisja kienu donazzjonijiet ta' dawn l-istess membri ta' l-ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann. Uħud minn dawn l-opri sfortunatament intilfu waqt il-tieni gwerra dinija meta l-knisja u l-kunvent intlaqtu mill-bombi ta' l-għadu. It-telfa ta' dawn l-opri kienet waħda kbira u lejn is-sena 1955 meta l-knisja u l-kunvent ġew mibnija mill-ġdid, l-artist karkariż Ġużeppi Briffa kien ġie mqabbad biex ipinġi l-kwadru titulari tal-knisja. F'dan il-kwadru l-artist ħareġ fid-deher l-imħabba kbira li kellu lejn il-patruna tal-lokal fejn twieled nhar it-12 ta' Mejju 1901 u fejn għamel ukoll l-ewwel xogħlijiet tiegħu. Dawn kienu r-ritratt tal-prepostu Dun Alfons Borg fis-sena 1923 u ż-żewġ panewijiet tal-kor tal-knisja tal-Madonna tal-Ħerba fis-sena ta' wara.

Fil-kwadru tal-Floriana naraw lil Sant' Elena bil-wieqfa ma ġemb is-salib mqaddes qiegħda tressaq lill waħda mara xwejħa lejn is-salvazzjoni permezz tas-salib. Din il-mara kienet il-prova li dik l-għuda kienet s-salib tal-fidwa tagħna, għaliex meta tassew is-salib magħha din il-mara li kienet mejta rxuxtat għal ħajja mill-ġdid. Fuq wiċċ il-qaddisa imperatriċi naraw il-ħarsa tal-ħniena u ta' qdusija liema bħala, u għalkemm fuq rasha l-artist pinġa l-kuruna imperjali, l-ilbies tagħha pinġieh b'mod sempliċi għall-aħħar. Fuq in-naħa tax-xellug għarkubtejh qiegħed jagħti qima lis-salib, il-prinċep Kostantinu Manju, li l-artist hawnhekk ippreżentah bl-ilbies rjali tiegħu permezz tal-kappa manja u x-xettru f'idu. Dan kollhu d'din ix-xena jwassal għal dak li l-knisja universali tgħaqqad flimkien għall-glorifikazzjoni tal-għuda mqaddsa tas-salib li l-artist poġġa fiċ-ċentru tat-tila merfugħ minn u bid-dija nieżla fuqu mis-sema.

Għaldaqstant naraw fix-xena bl-ilbies ċerimonjali tiegħu, lill-isqof Makarju ta' Ġerusalem qiegħed jagħti ġieħ u glorja lil din ix-xena li wasslet lil Sant' Elena Imperatriċi lejn il-qofol ta' dak li minn dejjem kienet taħdem għalih, dak li issib l-għuda mqaddsa tas-salib. Biex ma jnaqqas xejn mill-importanza tal-personaġġi prinċipali ta' din ix-xena, l-artist qagħad attent li l-persunaġġi l-oħrajn iżommhom l'hinn minn dak li t-tila ġiet imfassla għalih, iġifieri s-sejba tas-salib mqaddes. Dan il-kwadru baqa' fil-post fuq l-altar maġġur tal-knisja għal numru ta' snin sakemm lejn il-bidu tas-snin sittin dan tneħħa minn postu biex minn floku tpoġġa kurċifiss kbir. Il-kwadru jinsab merfugħ fil-kunvent li hemm anness ma' l-istess knisja.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

